TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 35/19/F

**Salvino Grech**

**vs**

**Aluage Aluminium**

Illum, 11 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Marzu, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija, tnejn u tmenin Ewro, u disgħin ċenteżmi (€182.90), rappreżentanti l-prezz ta' ħsarat li kellu fil-bieb u twieqi ta' l-aluminium, u dan wara li sar ix-xogħol.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna xogħol ta' aluminium li jikkonsisti f'żewġ twieqi u bieb, aparti affarijiet oħrajn, u jirriżulta li r-rubber inħall u ma setax jiftaħ jew jagħlaq il-bieb.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi ilhom f'dan ix-xogħol għal erbgħin sena u qatt ma ġralhom dan, illi dan li ġara kien minħabba li ċarċar xi membrane u weħel.

It-Tribunal, ma kkonsidrax illi kellu jqabbad espert tekniku minħabba l-ammont li kien żgħir, pero' jinnota illi li ġara huwa tort tas-soċjeta' ntimata, stante li x-xogħol irriżulta li sar ħażin, illi għalhekk ir-rubber probabbli kien difettuż u b'hekk ġara dak li ġara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mija u ħamsin Ewro (€150), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888